MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 162/1998/1

**Konkors ta' Kredituri ta' Testing Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

B'rikors ipprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar 1998 Mid Med Bank plc (illum maghrufa bhala HSBC Bank Malta plc) ighid illi b'sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet "Mid-Med Bank Limited vs Testing Limited et" deciza fit-3 ta' Gunju 1994 huwa gie kanonizzat kreditur tas-socjeta` Testing Limited fis-somma ta'

LM206,625.67 oltre l-imghaxijiet legali u spejjez gudizzjarji; illi permezz ta' bejgh bl-irkant mizmum taht l-awtorita` ta' dik il-Qorti fit-23 ta' Frar 1996 gie mibjugh il-fond "Teslim House", fi Triq Mdina Hal Qormi, proprjeta` tas-socjeta` Testing Limited, ghas-somma ta' LM21,500.00, liema somma giet depozitata taht l-awtorita` tal-Qorti mill-kompraturi permezz ta' cedola numru 289/96 fl-ismijiet "Loreto Abela et vs Dr. Henry Mamo nomine vs Carmelo Sammut et noe." (Dok A); illi fit-28 ta' Marzu 1996 il-Bank talab li jizbanka l-imsemmija somma akkont tal-ammont lilu dovut minn Testing Limited (Dok B); peress illi ghall-istess somma intalab l-izbank anke mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni (Dok C) u mid-Direttur tas-Sigurta` Socjali (Dok D), il-Qorti ordant lill-Bank sabiex jekk jidhirlu jipprocedi skond il-ligi; dan premess, il-Bank rikorrenti talab li dik il-Qorti joghgobha tordna l-ftuh ta' Konkors ta' Kredituri tas-socjeta` Testing Limited ai termini tal-Artikolu 416 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar l-ammont ta' LM21,904.25 depozitat taht l-awtorita` taghha permezz tac-cedola numru 289/96 fuq imsemmija.

Sussegwentement b-rikors iehor ta' l-istess Bank intavolat fis-26 ta' Frar, 1999, l-istess Bank, wara li fisser illi parti mill-kreditu kanonizzat (hawn fuq imsemmi) jirraprezenta flus mislufa minnu b'kuntratt in atti Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin tas-17 ta' Lulju 1980 (Dok B) u b'kuntratt in atti Nutar Joseph Raphael Darmanin tat-12 ta' Mejju 1982 (Dok C); illi l-kreditu tal-bank huwa kawtelat u jippregradwa qabel il-kreditu tal-kredituri ohra inter alia permezz ta' l-Ipoteka Generali numru I 8930/1980 (Dok D) ghas-somma ta' LM8,000.00 oltre l-imghaxijiet, u permezz ta' Ipoteka Generali numru I 5452/1982 ghas-somma ta' LM12,000.00 oltre l-imghaxijiet (Dok E); premess dan, il-Bank talab li dik il-Qorti tippregradwa, a preferenza ta' konkorrenti ohra, il-kreditu tieghu fuq indikat ghas-somma LM21,500.00 fuq imsemmija u konsegwentement jigi awtorizzat jizbanka dina s-somma lilu pregradwata akkont tal-kreditu tieghu.

B'rikors ipprezentat mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fil-15 ta' Dicembru 1998 gie premess illi l-imsemmi

Kummissarju huwa kreditur tas-socjeta` Testing Ltd ghas-somma ta' sittax-il elf mija u wiehed u tletin lira (LM16,131.00) ghas-snin ta' stima 1988 sal 1991 li tikkomprendi s-somma ta' erbatax-il elf sitt mija u hamsa u sittin (LM14,665.00) bhala P.A.Y.E. u elf u erba' mija u sitta u sittin lira (LM1,466.00) bhala taxxa addizjonali; illi l-kreditu tieghu jikkonsisti wkoll fis-somma ta' hamest elef disa' mija u sittin lira (LM5,960.00) dovuta bhala Taxxa tad-Dhul ghas-Snin ta' Stima 1982 sa l-1985 u 1987 sa l-1988; ghalhekk talab lil dik il-Qorti joghgobha tammettih sabiex jikkonkorri fil-Konkors tal-Kredituri ta' Testing Ltd ai termini ta' l-Artkolu 416 tal-Kap 12.

B'rikors iehor tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni prezentat fid-19 ta' April, 1999 gie premess illi minbarra li ghandu jiehu s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf disa' mija u erba' liri u hamsa u ghoxrin centezmu (LM21,904.25) l-istess rikorrent huwa wkoll kreditur tas-socjeta` fuq citata ghas-somma ta' erbat elef u disgha u ghoxrin lira (LM4,029.00) dovuta bhala taxxa tal-kumpannija skond l-Artikolu 42.1 ta' l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u ghalhekk talab li jigi ammess fil-Konkors tal-Kredituri fuq citat anke fir-rigward ta' dan l-ammont.

B'rikors ipprezentat mill-Bank of Valletta p.l.c. fit-3 ta' Dicembru, 1999 gie premess illi din is-socjeta` bankarja tinsab kreditrici tas-socjeta` Testing Limited fis-somma ta' mitejn u tliet u tletin liri maltin u hamsa u tletin centezmu (LM233.35) flimkien ma l-imghax legali mill-1 ta' Dicembru 1988 in forza ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-11 ta' Mejju, 1995 fl-ismijiet "Rudolphe Xuereb nomine vs Carmelo Sammut nomine" (Avviz numru 367/93 FS) liema kreditu huwa munit b'ipoteki u ghalhekk ghandu jigi pregradwat; konsegwentement talbet li tigi ammessa fil-lista tal-kredituri ai termini tal-artikolu 416 tal-Kapitolu 12 tal-igijiet ta' Malta u eventwalment awtorizzata tizbanka is-somma fuq imsemmija.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza moghtija fil-11 ta’ Frar, 2003 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet hekk dwar il-mertu tal-konkors li kien jinsab quddiemha:

*<u>“Gradwazzjoni</u>*

*Illi in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet, il-gradwazzjoni tal-kredituri ghandha ssehh kif ser jinghad:*

*Fl-Ewwel Grad*

*L-ispejjez gudizzjarji sabiex sar il-bejgh tal-fond immobbli u l-ispejjes giudizzjarji sabiex isir il-qsim tar-rikavat.*

*Fit-Tieni Grad*

*Il-Kummissarju tat-Taxxi interni fis-somma ta’ sittax il-elf mija wiehed u tletin lira maltin (**LM16,131**) rappresentanti taxxa dovuta bhala PAYE, privileggjat kif fuq spjegat.*

*Fit-Tielet Grad*

*HSBC Bank (Malta) plc (gia Mid Med Bank) fis-somom hawn taht indikati u kif hawn taht gradwati:*
***LM8,000 oltre l-imghaxijiet legali***
***LM12,000 oltre l-imghaxijiet legali***

*Fir-Raba’ Grad*

*Bank of Valletta plc fis-somma ta’ mitejn tlieta u tletin lira maltin u hamsin centezmu (**LM233.35**) **oltre l-imghaxijiet legali.”***

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.

**<u>“Krediti ammessi u kawzi ta’ preferenza</u>**

“*Kummissarju tat-Taxxi Interni* – Illi dan il-kreditu ta’ sittax-il elf mija wiehed u tletin lira maltin (LM16,131) huwa wiehed ta’ natura fiskali u fit-termini tal-artikolu 23(8) tal-Att XVIII tas-sena 1994 jinsab privileggjat “….u ghandu jithallas wara (il-pagi tal-impjegati u t-talbiet tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali) **bi preferenza ghall-pretensjonijiet l-ohra kollha** sew privileggjati jew ipotekarji” (emfasi tal-Qorti).

"Ghaldaqstant dan il-kreditu jiggradwa qabel il-krediti konkorrenti l-ohra.

"*Mid Med Bank (illum HSBC (Malta)* – Illi l-kreditu, ta' dan il-Bank, ammess ghal dan il-konkors jammonta ghall-**LM206,625.67** oltre l-imghaxijiet legali u l-ispejjes gudizjarji. Illi parti minn dan il-kreditu jinsab kawtelat bis-sahha ta' zewg Ipoteki Generali u Ipoteki Specjali fuq il-fond deskritt fl-iskrizzjonijiet hawn taht indikati (fols 36 u 57). L-ammonti huma ta' tmien telef lira maltin u tnax il-elf lira maltin – oltre l-imghaxijiet legali.

"**LM8,000** oltre l-imghaxijiet legali I 8930/1980
"**LM12,000** oltre l-imghaxijiet legali I 5452/1982

"Illi fir-rigward tal-bilanc tal-kreditu wara li jitnaqqsu dawn l-ammont[I], il-Qorti tosserva li ma gewx prezentati dokumenti li juru kawza ta' preferenza.

"Illi in kwantu ghall-imghaxijiet dovuti fuqhom, il-Qorti tosserva li ma gewx prezentati prospetti indikanti definittivament l-ammont ta' imghax dovut; u, stante li s-somma depositata hija manifestament inadegwata sabiex tissodisfa l-kapitali kollha pretizi f'dan il-konkors, il-kwantifikazzjoni ta' dawn l-imghaxijiet da parti tal-Qorti ikun esercizzju superfluwu.

*"Bank of Valletta plc.* – Il-kreditu ta' dan il-kreditur jinsab kkwantifikat fis-somma ta' mitejn tlieta u tletin lira maltin u hamsin (recte: tlieta u hamsin) centezmu (LM233.35) oltre l-imghaxijiet legali, bis-sahha ta' Ipoteka Generali I 20238/1995 (fol. 76)

*"Spejjez Gudizzjarji*

"Illi in kwantu ghall-ispejjez gudizzjarji sabiex isir il-bejgh tal-fond fuq indikat u l-ispejjez gudizzjarji sabiex isir il-qsim tar-rikavat, ghalkemm dawn ma gewx espressament mitluba, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 2003 tal-Kodici Civili minn fejn jirrizulta li l-ispejjes

gudizzjarji huma muniti bi privilegg generali u kwindi jikkonkorru qabel il-kkrediti l-ohra. Konsegwentement il-lista ta' krediti li ser jigu gradwati hawn ghandhom jigu subordinati ghal dawn l-ispejjez dovuti lir-Registratur tal-Qorti, u kwindi jista' jkun hemm xi aggustament fejn ikun hemm bzonn isiru wara li jigu ntaxxati d-drittijiet tar-Registratur tal-Qorti."

**L-appell tal-HSBC Bank Malta p.l.c.**

L-HSBC Bank Malta p.l.c. hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors intavolat fit-28 ta' Frar 2003 talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ppregradwat li spejjes li jista' jkollu r-Registratur tal-Qorti fl-ewwel grad u is-somma ta'LM16,131 dovuta lill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fit-Tieni Grad, u konsegwentement tippregradwa fl-ewwel grad l-ispejjes tal-bank appellant sabiex sar il-bejgh tal-fond immobbli u tppregradwa fit-tieni grad il-krediti tal-bank appellant u cioe` is-somma ta' LM8,000 oltre l-imghaxijiet legali u fis-somma ta' LM12,000 oltre l-imghaxijiet legali mit-23 ta' Settembru 1991 u cioe` d-data meta twaqqfet il-facilita` bankarja.

Is-socjeta` appellati ressqet zewg aggravji kontra s-sentenza appellata. Jkun utili li hawn jigi riprodott dak li intqal fir-rikors ta' appell.
"Illi l-Bank esponent hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u minnha qed jinterponi umili appell ghar-ragunijiet segwenti:-

"Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ikkonsidratx li skond l-Artikolu 23 (11) il-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ma jgawdi ebda privilegg.

"Artikolu 23 (11) tal-Income Tax Management Act (Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovid:-

""Nothwithstanding the provisions of any other law, the demand notice by the Commissioner referred to in subsection (7) of this section, showing the amount due to be paid under this section, shall constitute a privileged

claim over the assets of the employer ranking immediately after the wages of employees and claims of the Director of Social Security for any amounts due by way of contribution under section 116 of the Social Security Act, and shall be paid after such wages and claims in preference to all other claims whether privileged or hypothecary.”

“Minn ezami tal-atti ma jirrizulta li saret ebda “demand notice” kif jitlob tassattivament il-precitat artikolu u ghalhekk fin-nuqqas ta’ tali prova il-kreditu pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ma jgawdi ebda privilegg.

“Inoltre il-privilegg li kien igawdi l-Kummissarju tat-Taxxi Nterni taht l-Income Tax Act (Kapitolu 123 tal-Ligijiet ta’ Malta) gie abbrovat (recte: ‘abrogat’) bl-Att XVII tal-1994 u fir-rigward ma gie promulgat l-ebda provvediment transitorju.

“Stabilit illi l-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ma hux privileggjat isegwi illi l-kreditu ta’ l-esponent huwa (ghandu?) jippregradwa qabel il-krediti l-ohra kollha bis-sahha ta’ ipoteka generali numru 8930/1980 u ipoteka generali numru 5452/1982.

“It-tieni aggravju tal-bank appellant huwa fis-sens li gie pregradwat qabel kull kreditu iehor il-kreditu li jista’ jkollu ir-Registratur tal-Qorti li lanqas ikkonkorra f’dawn il-proceduri filwaqt li l-ispejjez gudizzjarji sabiex saret is-subbasta kienu gew sopportati mill-bank appellant u mhux mir-Registratur tal-Qorti. Ghaldaqstant l-esponent jissottometti bir-rispett illi l-ispejjez gudizzjarji tieghu sabiex saret is-subbasta de quo ghandhom jigu pregradwati qabel kull  kreditu iehor.”

Id-difensuri tal-kontendenti ittrattaw l-appell fl-udjenza tas-6 ta’ Dicembru, 2005 u dak inhar il-kawza giet imhollija ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu “*inkluz jekk ikun il-kaz il-kwistjoni tar-ritwalita` tar-rikors ta’ l-appell minhabba li r-Registratur tal-Qorti ma giex notifikat bih.*”

**Ikkunsidrat:-**

L-Artikolu 416 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi fis-subartikolu (1) tieghu li *"Meta fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri, ikunu gew iddepozitati flus, illi fuqhom izjed minn zewg persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' haddiehor jew qabilhom, jew xi interess iehor, il-qorti, fuq rikors ta' wiehed minn dawk il-pretendenti, tordna, bil-mezz tar-registratur, li, f'gazzetta wahda jew izjed, fosthom f'kull kaz il-Gazzetta tal-Gvern, jigi mahrug avviz li jgharraf b'dak id-depozitu u b'dawk il-pretensjonijiet fuqu u illi jsejjah lil kull minn jista' jkollu interess sabiex* ***igib il-quddiem il-jeddijiet tieghu fi zmien xahar****; u meta jaghlaq dak iz-zmien* ***ebda persuna****, illi ma tkunx dehret f'dak iz-zmien, ma tista' twaqqaf jew xort'ohra zzomm il-kawza ta' konkors milli tigi deciza bejn dawk li jkunu dehru."* (enfasi ta' din il-Qorti).

Fil-kaz sottoezami jirrizulta li r-Registratur tal-Qorti, li wara kollox kienet il-persuna inkarigata bil-pubblikazzjoni hawn fuq imsemmija u ghalhekk ma tistax tressaq xi eccezzjoni ta' injoranza tal-konkors ta' kredituri, ma ressaq ebda talba biex jikkonkorri fit-terminu stabbilit. Isegwi li l-istess Registratur ma huwiex la wiehed mill-konkorrenti u lanqas parti in kawza. Ghalhekk la kellu jigi pregradwat u lanqas ma tehtieg in-notifika lilu tar-rikors ta' appell. Wara kollox, kif huwa dispost fl-Artikolu 417 tal-Kap 12, "*Id-decizjoni tal-kawza ta' konkors bejn il-kredituri li jkunu dehru fi zmien stabbilit, ma twaqqax mil-jeddijiet taghhom lil dawk il-persuni li ma jkunux dehru; u kull wahda minn dawn il-persuni tista', wara, titlob lura l-flus, kollha jew parti minnhom, minghand il-kreditur gradwat ……"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Isegwi ghalhekk li l-aggravju tal-bank appellant fil-konfront tar-Registratur tal-Qorti huwa gustifikat u konsegwentement kull dikjarazzjoni ta' pregradwazzjoni ta' xi kreditu ta' l-istess Registratur tal-Qorti, kif jinghad fis-sentenza appellata, ghandha tithassar.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

L-aggravju l-iehor tal-HSBC Bank Malta plc jikkoncerna l-pregradwazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni fis-somma ta' LM16,131 rapprezentanti taxxa dovuta bhala PAYE u taxxa addizzjonali. Is-sottomissjoni tal-bank appellant hija fis-sens li l-privilegg moghti lill-Kummissarju jidhol in effett kemm-il darba huwa jkun baghat "demand notice" lid-debitur indikanti t-taxxa u penali dovuta u billi, skond l-appellant, f'dan il-kaz ma jirrizultax li ntbaghat dan l-avviz, l-kreditu tal-Kummissarju mhux privileggjat.

Minn qari akkurat tas-subartikolu (11) tal-Artikolu 23 tal-Kap 372 tal-Ligijiet ta' Malta jidher li s-sottomissjoni tal-Bank appellant hija biss apparentement fondata. F'din id-disposizzjoni jinghad espressament li "*the demand notice by the Commissioner …… showing the amount due to be paid under this article* <u>*shall constitute a privileged claim*</u> *over the assets of the employer ……….and shall be paid after such wages* (ta' l-impjegat) *and claims* <u>*in preference to all other claims whether privileged or hypothecary*</u>." Dan id-"*demand notice*", skond is-subartikolu (7) ta' l-Artikolu 23 imsemmi, ghandu jintbaghat meta "*a person has not contested the default notice*[1] *……. or where his contestation has been refused…."* <u>B'dana kollu l-ligi ma timponi ebda formula sacrosanta ta' kif ghandha tigi redatta din id-"*demand notice*"</u>. Fil-kaz in ezami jidher li s-socjeta` Testing Limited kienet naqset li tosserva l-obbligi taghha qua 'employer' in kwantu ma kinitx baghtet it-taxxa fuq l-introitu ta' l-impjegati maghrufa bhala PAYE izda b'arrangament bejn il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni u l-istess socjeta` Testing Limited jidher li l-ezercizzju mehtieg biex jigi determinat kemm taxxa kienet dovuta sehh u effettivament l-istess socjeta` Testing Limited <u>giet notifikata b'talba ghal hlas</u>, liema talba giet minnha debitament ammessa u rikonuxxuta meta rapprezentant tal-istess socjeta` iffirma fuq id-dokumenti li jinsabu a fol. 71 sa 74 fejn jinsabu indikati l-ammonti dovuti bhala PAYE. Dan l-aggravju, ghalhekk, mhux gustifikat.

[1] Id-'default notice' jintbaghat "where the Commissioner has reason to believe that a person has made a default against the provisions of any rules referred to under this article (Art. 23)" u hemm jindika it-taxxa li kellha tigi dedotta jew mibghuta u kull taxxa addizzjonali imposta.

Fl-ahharnett is-socjeta` appellanti qed tghid li l-ispejjes li hija ghamlet, kif jixdhu id-dokumenti annessi mar-rikors ta' l-appell, biex saret is-subasta ghandhom jigu pregradwati qabel krediti ohra. Biss dwar dan jigi osservat li din hija konsiderazzjoni gdida fl-istadju ta' l-appell li ma hijiex ammissibbli.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tiddisponi mill-appell tal-HSBC Bank Malta plc billi fl-ewwel lok tiddikjara li ma hemm ebda nullita` jew irritwalita` minhabba n-nuqqas ta' notifika ta' Registratur tal-Qorti bir-rikors ta' l-appell, u fit-tieni lok tirrevoka s-sentenza appellata biss inkwantu fil-gradwazzjon tal-krediti gew pregradwati fl-Ewwel Grad l-ispejjez giudizzjarji sabiex sar il-bejgh u l-ispejjes gudizzjarji sabiex isir il-qsim tar-rikavat inkwantu dawn gew dikjarati dovuti lir-Registratur tal-Qorti meta dan lanqas biss ma ippartecipa fil-konkors; u tikkonferma s-sentenza appellata ghal-bqija.

Fic-cirkostanzi l-ispejjes ta' dan l-appell ghandhom jigu sopportati mil-Bank appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------